**Ruling mogħti mill-Ispeaker, l-Onor. Anġlu Farrugia fis-seduta 319 tas-6 ta' Marzu 2025 dwar ilment imqajjem mill-Onor. Adrian Delia fis-seduta tal-25 ta' Frar 2025 dwar diskors oġġezzjonabbli mill-Prim Ministru fil-konfront tiegħu**

Fis-Seduta tal-25 ta' Frar 2025, waqt li kienet qed issir stqarrija ministerjali dwar is-serqa tad-droga minn container li kien fi proprjetà tal-Forzi Armati ta' Malta, l-Onor. Prim Ministru qal hekk:

> "Infakkarkom li ftit taż-żmien ilu, waqt pandemija, intom kontu għamiltu talba biex tinfetaħ … U kienet infetħet għaliex tlajna nixhdu u jien kont wieħed mill-persuni li ressaqtu flimkien mal-Ministru Byron Camilleri u diversi membri tal-Forzi Armati ta' Malta. Intom tlabtu li talli s-suldati tagħna ħarġu jsalvaw il-ħajjiet f'nofs ta' lejl mijiet ta' mili 'l barra minn xtutna f'maltempata qawwija, ipprovajtu titfgħuhom il-ħabs. Tipprovawx iddaħħlu dubju fuq is-sigurtà tal-fruntieri ta' pajjiżna, għaliex għamilna l-aqwa investiment."

Wara li l-Prim Ministru spiċċa din il-parti tad-diskors tiegħu, is-Sedja tat il-kelma lill-Onor. Adrian Delia peress li talab point of order. Hawnhekk l-Onor. Adrian Delia qal hekk:

> "Il-point of order hu li l-Prim Ministru qed jixli lilna li pprovajna nixħtu lil xi ħadd mill-membri tal-Forzi Armati l-ħabs. Jgħid lil min jew jirtiraha għaliex dan hu sweeping statement li qed jiġbed lil kulħadd miegħu."

Wara diversi interruzzjonijiet imbagħad il-Prim Ministru qal hekk:

> "Sur President, jien nifhem li l-Onor. Delia ma jridx li jiġi assoċjat ma' wħud minn sħabu. Dik nifhimha. Però nfakkru li fiż-żmien li saret it-talba għall-ftuħ ta' dik l-inkjesta, bħala Kap tal-Oppożizzjoni inti kont għamilt konferenza stampa …"

u kompla billi qal:

> "Ftakar li kont għamilt konferenza stampa fejn dakinhar lil min mar jiftaħ dik l-inkjesta appoġġ kont tajtu. Ftakar."

Hawnhekk l-Onor. Adrian Delia reġa' qajjem point of order u qal:

> "Il-Prim Ministru issa qed jindika lili. Mela dak li għedt qabel ma jgħoddx għaliex qed jindika lili. Il-Prim Ministru jgħid fejn jien qatt tlabt li xi ħadd mill-Armata jmur il-ħabs, inkella jirtiraha għaliex jien għedt bil-maqlub. Bil-maqlub għedt jien!"

Hawnhekk il-Prim Ministru qal:

> “Sur President, nerġa’ nifhem li l-Onor. Delia qed jipprova jiddistakka ruħu mill-fergħa estremista tal-Partit Nazzjonalista. Ħasra li meta kien Kap tal-Oppożizzjoni – kellu s-saħħa dakinhar – ma ddenunzjax lil min ipprova jixħet lis-suldati tagħna f’inkjesta u pprova jitfagħhom ġewwa ċella. Onor. Delia, meta inti kont Kap tal-Oppożizzjoni tkellimt differenti.”

Hawnhekk reġa’ qajjem point of order l-Onor. Adrian Delia, fejn qal hekk:

> “Sur President, l-ewwel gideb lil kulħadd; issa qed jindika lili u qed jibqa’ jinsisti li jien b’xi mod tlabt li xi ħadd mill-Armata jmur il-ħabs. Mhux veru. Qed jigdeb u jrid jirtiraha. Irid jirtiraha! L-affarijiet l-oħra jgħid kemm irid, m’għandix problema, imma dik irid jirtiraha.”

Hawnhekk reġa’ kompla l-Prim Ministru, fejn qal hekk:

> “Sur President, jekk issa se nipprovaw immeru l-istorja wkoll ... Min għamel il-kwerela biex il-Membri tal-Forzi Armati ta’ Malta jinxteħtu l-ħabs, jekk mhijiex il-fergħa estremista tal-Partit Nazzjonalista li għamlet dan, jekk mhuwiex l-Eks Segretarju Ġenerali tal-Partit Nazzjonalista li sal-lum il-ġurnata għadu qed jagħmel kawża, jekk dawn mhumiex l-istess nies li fl-attivitajiet tal-Partit Nazzjonalista jkunu quddiem, jekk mhumiex in-nies li jmexxu l-fergħa estremisti, mela min huma? Min huma dawn in-nies?”

Hawnhekk is-Sedja għamlet rimarka fejn qalet:

“Onor. Prim Ministru, qed nifhem li mhux qed tindika lill-Onor. Adrian Delia personalment.”

Hawnhekk il-Prim Ministru wieġeb:

“Sur President, kienet il-fergħa …”

Hawnhekk l-Onor. Adrian Delia mbagħad qal:

“Mela jgħid li mhux jien.”

Għaldaqstant il-Prim Ministru qal:

“Le le, ma se ngħid xejn li mhux int! Kienet il-fergħa estremista tal-Partit Nazzjonalista dakinhar immexxija mill-Onor. Adrian Delia li għamlet kwerela biex tixħet lis-suldati tagħna l-ħabs. Kienet il-fergħa estremista …”

Hawnhekk imbagħad l-Onor. Prim Ministru kompla u qal:

"Sur President, m'iniex se nirtiraha għaliex dak li qed ngħid huwa l-verità sagrosanta. Intom ipprovajtu tixħtu lill-Membri tal-Forzi Armati ġewwa l-ħabs."

Hawnhekk l-Onor. Adrian Delia wieġeb li mhux veru u għaldaqstant il-Prim Ministru qal:

"Bħalma tgħidu li l-Kummissarju tal-Pulizija huwa kriminali. Imisskom tistħu! Ma se nirtira xejn, xejn u xejn. Intom ipprovajtu tixħtu lill-Membri tal-Armata l-ħabs. Mela issa mur ara l-istorja."

Hawnhekk imbagħad qam l-Onor. Bernard Grech fuq point of order, fejn qal:

"Sur President, jidher ċar li l-Prim Ministru qed iħossu dgħajjef u għalhekk qed jipprova jinċita lil kulħadd bi kliemu. Nifhem li d-dgħufija tiegħu wasslitu s'hawn. Sur President, jien tlabt il-protezzjoni tiegħek fuq dak id-diskors. It-tieni: Qed nitlob ruling fuq dak li qed jallega l-Prim Ministru."

L-Onor. Adrian Delia wkoll għamel talba lis-Sedja kif ġej:

"Sur President, il-Prim Ministru jitkellem kemm irid u għandu kull dritt jitkellem u jien, l-ewwel wieħed, żgur mhux se ninterrompih. Però dritt li jitkellem għandu u mhux li jigdeb. Issa reġa' qal li aħna – u l-ewwel semma lili – b'xi mod tlabna u li għamilna kwerela, issa f'aktar dettall, biex nixħtu lill-Membri tal-Armata l-

ħabs. Sur President, jien irrid li tagħti ruling u tagħtih issa mhux wara li jibqa' jigdeb, għaliex il-kawtela hija u għandha mis-sewwa. Dak li qed jgħid huwa kompletament bil-maqlub. U rrid ruling. Irrid ruling! Għandi dritt għal ruling jew le?"

Hawnhekk is-Sedja tat il-kelma lill-Prim Ministru, li qal:

"Se nfakkar lill-Onor. Delia – għaliex għandu t-tendenza li jinsa – x'kien qal fit-18 ta' April 2020 meta kien Kap tal-Oppożizzjoni. L-Onor. Delia kien qal hekk:

"Opposition Leader Adrian Delia accused the Prime Minister of a "dictatorial" attack against a Nationalist MP ..."

– infakkar li kien Jason Azzopardi –

"... over a criminal complaint filed against the Armed Forces."

Mela dakinhar iddefenda lil Jason Azzopardi li għamel dik il-kwerela. Nifhem ukoll – biex inkun lealissimu lejn is-sewwa - ... (Għajjat) Ħalli nżid biċċa oħra mela. L-Onor. Delia, dak iż-żmien Kap tal-Oppożizzjoni, qal hekk:

"However, he supported the investigation ..."

Inti appoġġjajt l-investigazzjoni. Inti appoġġjajt l-inkjesta. Se nkompli nikkwota:

"“... into what he described as “a very serious accusation””.

Iswed fuq l-abjad.”

Il-Prim Ministru mbagħad kompla jgħid hekk:

“Sur President, dakinhar appoġġja inkjesta kontra l-Forzi Armati. Dak li għamilt inti. Imissek tistħi!”

Hawnhekk is-Sedja talbitu biex jikkonkludi u l-Prim Ministru wieġeb hekk:

“Issa jingħata r-ruling biex jiġi kkonfermat l-appoġġ għall-inkjesta.”

Is-Sedja qalet:

“Iva, ħadt nota għar-ruling. (Għajjat) Ir-ruling se nagħtihulek. Onor. Prim Ministru, jekk jogħġbok, kompli bid-diskors tiegħek.”

Hawnhekk imbagħad l-Onor. Adrian Delia talab point of order fejn qal:

“Sur President, l-ewwel qal li aħna u jien għamilna kwerela. Issa qed jgħid … (Interruzzjonijiet) Hekk għedt!”

Hawnhekk is-Sedja reġgħet tat il-kelma lill-Onor. Adrian Delia u huwa qal hekk:

> "Sur President, il-Prim Ministru jrid jirtira l-kliem għax la l-Oppożizzjoni ta' dak iż-żmien u lanqas ta' qatt m'għamlet kwerela biex xi ħadd mill-Armata jintbagħat il-ħabs. Irid jirtiraha għaliex mhux veru!"

Imbagħad l-Onor. Delia kompla:

> "Mela li tissapportja investigazzjoni jfisser li trid titfa' lil xi ħadd il-ħabs?!"

Hawnhekk is-Sedja qalet:

> "Grazzi. Se nara t-traskrizzjoni u nagħti r-ruling."

Hawnhekk l-Onor. Robert Abela mbagħad qal :

> "**ONOR. ROBERT ABELA:** L-Onor. Delia qed jipprova jgħid li meta Membru tal-Oppożizzjoni jagħmel azzjoni ma jkunx qed jagħmilha f'isem l-Oppożizzjoni? Dan li qed nipprovaw ngħidu aħna? Dik kienet kwerela li saret minn Membru tal-Oppożizzjoni u li l-Kap tal-Oppożizzjoni appoġġjaha. Adrian Delia appoġġja dik l-inkjesta u nista' nesebixxi r-rapportaġġ u l-filmat tal-konferenza stampa. Hemm irrapportat!"

Hawnhekk imbagħad l-Onor. Adrian Delia qal:

> "Jien qatt m'appoġġjajt il-kwerela u qatt ma ridt nibgħat lill-membri tal-Forzi Armati l-ħabs!"

Imbagħad il-Prim Ministru iċċita rapport tal-ġurnal *The Times*, fejn qal:

> "Se niġi għal dak li qal il-Kap tal-Oppożizzjoni",

u minn hemm kompla bl-istqarrija ministerjali li kienet qiegħda ssir minnu.

Is-Sedja għamlet referenza għal dak li ġie kkwotat fid-diskors tal-Prim Ministru meta ġie indirizzat biex jispjega l-allegazzjoni li għamel fil-konfront tal-Onor. Adrian Delia meta kien kap tal-oppożizzjoni, u ċjoè l-artiklu li deher fil-ħarġa tal-ġurnal *The Times* tat-18 ta' April 2020, intitolat '*Adrian Delia Defends MP Jason Azzopardi, Says Accusation Army Sabotaged Migrant Boat Deserves To Be Investigated*'. F'dan l-artiklu jingħad hekk:

> "Opposition leader Adrian Delia has defended PN MP Jason Azzopardi, after Prime Minister Robert Abela called him out last night for signing a request which called for a police investigation into the deaths of migrants at sea."

Dan l-artiklu jkompli jgħid hekk:

> “Delia said the request for an investigation was filed by NGO Repubblika and that Azzopardi had signed it in his professional capacity as a lawyer.”

F’dan l-artiklu huwa wkoll ikkwotat:

> ““The Prime Minister last night referred to criminal reports filed by Repubblika with allegations against him and AFM officials, but he claimed that they were filed by PN MP and lawyer Jason Azzopardi, along with Repubblika, and that the accusations were being made by the Opposition.””

Nikkwota wkoll parti oħra mill-istess artiklu fejn jingħad:

> “This is a barefaced lie and the fact that [Abela] mentioned it seven times means he lied seven times. Azzopardi only acted in his professional capacity as a lawyer, not in his own name nor in the name of the Opposition. The Prime Minister, who is also a lawyer, knows this well.”

L-istess ġurnal *The Times*, fil-ħarġa tat-2 ta’ Ġunju 2020, proprju wara illi ħareġ ir-rapport tal-inkjesta maġisterjali mill-Maġistrat Joe Mifsud, fejn sab illi kemm il-Prim Ministru kif ukoll il-Kap tal-Armata u l-crew tal-patrol boat imsemmija ma kinux responsabbli għall-mewt ta’ dawk li kienu fuq id-dinghi, ippubblika artiklu intitolat ‘*Delia failing to condemn Jason Azzopardi after false allegations*’. Hawnhekk hawn referenza għal stqarrija li ħareġ il-Partit Laburista fejn ikkritika lill-Kap tal-Oppożizzjoni dak iż-żmien Adrian Delia, u nikkwota:

> "for standing by party justice spokesman Jason Azzopardi in the wake of the findings of a magisterial inquiry into a migrant rescue."

Minn dan kollu joħroġ ċar illi t-talba għall-inkjesta maġisterjali li saret mill-Onor. Jason Azzopardi, li dak iż-żmien kien ukoll l-ispokesperson tal-Oppożizzjoni għall-ġustizzja, fost oħrajn, u l-istess Kap tal-Oppożizzjoni kien qed jaqbel li għandha ssir l-inkjesta maġisterjali fil-konfront ta' dak illi ġie rapportat wara l-mewt ta' diversi persuni li mietu fil-baħar u li sussegwentement sar rapport kriminali mill-istess Avukat u Membru Parlamentari u shadow minister tal-ġustizzja f'isem l-Oppożizzjoni, flimkien mal-NGO Repubblika, rapport kriminali kontra l-membri tal-Forzi Armati ta' Malta, il-Brigadier u l-istess Prim Ministru.

Jirriżulta ċar illi l-Onor. Adrian Delia kien qed jaqbel li ssir l-investigazzjoni u allura kien qed jaqbel ma' dak li ġie rapportat mill-istess Onor. Jason Azzopardi u NGO Repubblika, imma m'għamilx l-istess rapport hu personali. U kien hawnhekk li huwa mbagħad qal illi l-Avukat Jason Azzopardi kien qed jagħmel dan ir-rapport kriminali lill-maġistrat inkwirenti f'ismu bħala avukat li kien qed jirrappreżenta lill-klijenti hu.

Is-Sedja tara li din hija interpretazzjoni ċara però tifhem illi l-Onorevoli Kap tal-Oppożizzjoni, bħala Kap tal-Oppożizzjoni, fejn joħroġ ċar fl-artiklu ta' *The Times* '*Adrian Delia Defends MP Jason Azzopardi, Says Accusation Army Sabotaged Migrant Boat Deserves To Be Investigated*', huwa ċar li kien qed jappoġġja l-investigazzjoni kif ġiet intavolata mill-istess Jason Azzopardi u l-NGO Repubblika.

Illi l-kumplament ta' dak li ntqal fid-dibattitu tal-25 ta' Frar 2025 huwa kwestjoni ta' interpretazzjoni wiesgħa u ċertament huwa kollu political bickering. Għalhekk, is-Sedja qiegħda tiddeċiedi dan ir-ruling billi tgħid illi dak li beda jgħid il-Prim Ministru, fejn kien qed jagħmel referenza għal dak li ġie rapportat fil-ġurnali msemmija, li s-Sedja għandha kopja tagħhom minn dak li rrapporta l-istess Prim Ministru, però tiddikjara b'mod ċar illi l-Onor. Adrian Delia, għalkemm hu personalment ma talab xejn illi tinfetaħ inkjesta min-naħa tiegħu, però kien qed jissapportja l-istess inkjesta, endorsjaha u allura, biex ngħidu hekk, kien qed jagħmilha tiegħu stess għall-fatt tal-findings li seta' jkun hemm fl-inkjesta. Filwaqt li l-intenzjoni tal-inkjesta kienet sabiex issir investigazzjoni dwar ħtija o meno min-naħa tal-Forzi Armati, u jekk kienx jirriżulta li dawn setgħu jintbagħtu l-ħabs, l-intenzjoni tal-kap tal-oppożżizzjoni ta' dak iż-żmien tista' titqies bħala interpretazzjoni politika.

Ir-ruling huwa deċiż.